# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 27**

**Citaz. numru 1207/85 JDC**

**Brian Valenzia ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Arva Insurance Agency Ltd, u dina in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union Fire Insurance Society Ltd, bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Joseph A. Grima, u b'sentenza tallum, 26 ta' Ottubru 1994, giet awtorizzata z-zieda tal-kliem "bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Oilfield Services International Limited" wara l-isem u l-kunjom "Joseph A. Grima".**

**vs**

**Joseph Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "Arcades Ltd".**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fis-26 ta' Ottubru 1994, l-allura Qorti tal-Kummerc ppronunzjat is-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet premessi :-

"Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta illi l-assigurat tal-attur ghandu hanut li jismu Grima's f'Republic Street, Valletta, li huwa sottostanti l-proprjeta' tal-konvenut ;

U peress illi l-konvenut b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, b'imperizja, b'nuqqas ta' responsabbilita' ippermetta, ma ghamel xejn jew ma ghamiltx bizzejjed biex jaccerta ruhu li l-ilma tax-xita li seta' jidhol fil-proprjeta' tieghu ma tinzilx fil-hanut tal-assigurat tal-attur ;

U peress illi fil-fatt dahal l-ilma fil-propjeta' tal-konvenut li nizel fil-propjeta' ta' tahtha u per konsegwenza l-assigurat tal-attur sofra danni konsistenti fis-somma ta' Lm891.73,3, skond kif jirrizulta mid-Dok. A1 sa A7 hawn esebiti li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine li gie surrogat fid-drittijiet tieghu abbazi tal-Polza ta' Assigurazzjoni u tal-Ligi ;

U peress illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex ihallas lill-attur nomine baqa' inadempjenti ; l-istess attur nomine talab li din il-Qorti :

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli tal-hsarat sofferti mill-assigurat tal-attur u kagunati mill-konvenut u li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine abbazi tal-Polza ta' Assigurazzjoni ;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma ta' Lm891.73,3 rapprezentanti l-hsarat sofferti mill-assigurat tal-attur nomine li ghalihom ghamel tajjeb l-istess attur nomine abbazi tal-Polza ta' Assigurazzjoni skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-26 ta' Jannar 1993, kontra l-konvenut.
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa :

1. Preliminarjament huwa qatt ma kellu l-ebda relazzjonijiet guridici ma' Joseph A. Grima ;

2. Subordinatament u fil-meritu huwa m'huwiex responsabbli ghad-danni ndikati fic-citazzjoni ;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut li biha eccepixxa :

1. Illi l-azzjoni ta' l-attur nomine hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili ;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza taghha tas-7 ta' Frar 1991, li biha giet michuda dina l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni – bl-ispejjez ghall-konvenut nomine.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' April 1986, li bih gie nominat il-kompjant Arkitett u Inginier Civili Joseph Huntingford bhala Perit Tekniku biex jirrelata fuq it-talba attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ;

Rat illi l-Perit Gudizzjarju halef ir-relazzjoni tieghu fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 1994 ;

Ezaminat din ir-relazzjoni, l-verbali tas-seduti u l-provi l-ohra kollha li tressqu.

Ezaminat ukoll min-noti ta' osservazzjonijiet skambjati mid-difensuri.

Ikkunsidrat :

Illi l-gharef Perit Tekniku, l-mibki A.I.C. Joseph Huntingford, irrelata testwalment hekk :-

"23. Fl-Access mizmum fit-13 ta' Jannar 1987, l-esponenti seta' jara l-katusa li niezla mill-bejt u mill-pjanijiet ta' fuq ghal gol-hanut "Spinella".

Gie spjegat li l-katusa kienet qadima u kienet tferra go hawt, u li din kienet faret gol-hanut "Spinella".

24. Jirrizulta mill-provi prodotti li l-partijiet qablu li dahal l-ilma fil-hanut fl-1982 fejn qabel kien hemm l-assigurat tal-attur Joseph Grima. Dan ikkonferma li wara l-maltempata tat-22 ta' Ottubru 1985, il-hanut kien mgharraq kullimkien, b'ghoti ta' sitta/seba' pulzieri, u li dan l-ilma kien dahal minn katusa miksura u miftuha, li kienet tidhol ghal ghandu.
Dan Joseph Grima, kkonferma, dejjem bil-gurament, li hu kien inxurjat mal-atturi u li kien thallas tal-"claim" tieghu, xi haga fuq it-tmien mitt lira (Lm800).

L-attur ikkonferma li kien hallas lill-assigurat Joseph Grima s-somma ndikata fic-citazzjoni u ghalhekk huma (l-atturi) gew surrogati fid-drittijiet tieghu.

L-attur ikkonferma wkoll li kien mar fuq il-post wara l-incident u kien ra l-fond "de quo" mgharraq kollu.

25. Issa jrid jigi ezaminat ix-xhieda tal-konvenut.

Hu rrileva illi l-fond "de quo" hu proprjeta' tal-familja Rutter Giappone, u li hu kien jikrih minn ghandhom, pero' hu kien kera l-parti in kwistjoni lil Joseph Grima.

Hu kkonferma li meta dahal l-ilma, din il-parti kienet f'idejn l-istess Grima.

Hu kkonferma wkoll li kien hemm katusa niezla minn fuq il-bejt ta' terzi li tferra ghal go gully li wara sab li kien fih hmieg u gebel li jkun hemm fuq il-bjut.

Il-konvenut kompla jikkonferma li hu wara l-incident nehha l-gully u ghamel bend minfloku u katusa shiha, permezz ta' mghallem. Hu sostna li hu ghamel dan ix-xoghol peress li l-familja Rutter Giappone ma riedu jaghmlu xejn, u hu kien bniedem responsabbli.

26. <u>Il-Polza.</u> L-attur, fis-seduta tat-3 ta' Gunju 1992, xehed li gie mitlub jesebixxi kopja tal-polza in kwistjoni, pero' dan ma sabhiex, ghax kienu ghaddew ghaxar snin.

Hu kkonferma bil-gurament li l-polza kienet wahda pero' kienet tkopri lill-kumpanija ta' Joseph Grima, kemm fil-post tax-xoghol u fid-dar tieghu personali, u kienet tkopri l-hanut li kellu Grima f'Arcades, fost affarijiet ohra.

Hu spjega li hu ddispona minn din il-polza billi wara l-assigurat nehha l-hanut u allura l-polza ma regax geddidha, u din illapsjat, u ghalhekk hu qattaghha, mhux lilha biss, imma flimkien mal-poloz kollha li jkunu skaduti, u dan skond il-procedura taghhom, li kull xahar huma jaqilghu l-poloz li ma kienux thallsu s-sena ta' qabel, dawn jitfghuhom go kaxxa, izommuhom ghal sena ohra biss u wara jarmu kollox.

L-esponenti jhoss li l-attur ta spjegazzjoni sodifacenti l-ghala ma setax jipproduci l-polza, u dan peress li beda jghaddi certu zmien. Hu pero' tramite l-Avukat tieghu ipproduca kopja tas-subrogation form dwar il-claim ta' Joseph Grima, Dok. BV li tidher li hi dokument serju bizzejjed li jaghtih id-dritt li jagixxi f'din il-kawza.

27. In konkluzjoni, l-esponenti jissottometti li l-attur nomine pprova li kien dahal l-ilma tal-maltempata gol-hanut "Grima's"

f'Republic Street, Valletta, mill-proprjeta' tal-konvenut, u li t-talbiet tieghu jigu milqugha."

Illi l-konvenut nomine kkritika l-konkluzzjoni peritali billi indika erba' punti li ma gewx trattati mill-Perit Tekniku u cioe' :-

(a) Il-persuna li sofriet id-danni u li giet ikkumpensata ma kienitx Joseph Grima, kif qal l-attur nomine fic-citazzjoni tieghu, imma s-socjeta' Oilfield Services International Limited ;

(b) Il-kwistjoni tal-polza ta' assigurazzjoni ;

(c) Jekk il-konvenut kienx responsabbli ghall-katusa li kienet midfuna fil-hajt u li kienet isservi biss biex tiddisponi mill-ilma li jaqa' fuq il-bjut ta' terzi ; u

(d) Jekk il-hsara li giet ikkagunata bil-maltempata tat-22 ta' Ottubru 1982, kienitx "an act of God".

Dwar l-ewwel punt, huwa veru li rrizulta li l-persuna li sofriet id-danni u giet risarcita u li tat is-surroga lill-attur nomine, ma kienitx Joseph Grima personalment izda s-socjeta' tieghu, "Oilfield Services International Limited".

Il-konvenut ta l-ewwel eccezzjoni u sostna li t-talba attrici ma tistax tintlaqa' billi l-attur ma setghax kien surrogat fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Joseph Grima.

Illi rrizulta minn fol. 120 tal-process li l-attur baghat l-ittra datata 23 ta' Dicembru 1988 (ara fol. 145) lill-avukat tal-konvenut sabiex l-izball li ghamel l-attur (li cioe' ma indikax fl-atti promotorji tal-kawza li Joseph Grima kien qed jidher ghas-socjeta' "Oilfield Services International Limited") ikun korrett.
Jidher li d-difensur tal-konvenut aderixxa ma' din it-talba u l-attur ipprezenta rikors fid-19 ta' Jannar 1989, sabiex issir din il-korrezzjoni fl-atti. Dan ir-rikors jidher li ntilef u qatt ma gie rintraccjat. L-attur esebixxa kopja tieghu (a fol. 146) u indika li dan ir-rikors kellu l-cash number tar-Registru numru 1608.

Billi dan ir-rikors intilef, ma jirrizultax li gie dekretat minn din il-Qorti, ghalkemm id-Deputat Registratur, forsi b'anticipazzjoni li t-talba tal-attur kienet sejra tigi eventwalment milqugha, minhabba l-adezjoni tad-difensur tal-konvenut, ghamel l-annotazzjoni relattiva fl-atti.

Illi fil-fehma tal-Qorti d-dokument a fol. 145 jindika inekwivokament u inkondizzjonatament l-adezjoni tad-difensur tal-konvenut ghat-talba ghall-korrezzjoni tal-atti relattiva

maghmula mill-attur. Din it-talba kien hemm lok li tintlaqa' u qeghda tintlaqa' prezenzjalment billi din l-adezjoni qatt ma giet imregga' lura permezz ta' nota a tenur tal-artikolu 695 (1) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Ghalhekk tordna lid-Deputat Registratur sabiex jaghmel il-korrezzjoni rikjesta kull fejn hemm bzonn fl-atti.

Illi l-ewwel lament tal-konvenut ma jaghmel assolutament ebda accenn ghat-talba tal-attur ghall-imsemmija korrezzjoni fl-atti u ghall-adezjoni tad-difensur tal-konvenut ghall-istess talba. F'dawn ic-cirkostanzi u senjatament meta dik l-adezjoni qatt ma giet irtirata bil-mod indikat mil-ligi, l-ewwel lament tal-konvenut ma huwiex gustifikat u ma jistax jintlaqa'.

Ikkunsidrat dwar it-tieni lament tal-konvenut :-

Huwa veru li l-polza ta' assikurazzjoni ma gietx esebita u hija haga pjuttost stramba kif socjeta' ta' assikurazzjoni tiddistruggi polza bhal din, nonostante li hija stess ghamlet kawza li toriginha minnha u din il-kawza ghadha ghaddejja. Pero', dan il-fatt ma jistultifikax l-azzjoni attrici billi s-surroga li tat is-socjeta' "Oilfield Services International Limited" lis-socjeta' assikuratrici attrici tirrizulta sodisfacentement provata. Ghall-fini ta' din il-kawza, hija s-surroga in kwistjoni li hija verament rilevanti u importanti biex tirnexxi din it-talba attrici ghaliex la darba rrizulta li s-socjeta' attrici indennizzat lill-assikurat taghha u dan issurrogaha fid-drittijiet tieghu, isegwi li s-socjeta' attrici setghet tistitwixxi din il-kawza indipendentement mill-esibizzjoni tal-kuntratt ta' assikurazzjoni li kien preordinat ghas-surroga msemmija. Ghalhekk, anke dan il-lament tal-konvenut m'huwiex wiehed validu.

Ikkunsidrat :-

It-tielet lament tal-konvenut huwa fis-sens li huwa ma kienx responsabbli ghall-katusa li kienet midfuna fil-hajt li kienet isservi biss biex tiddisponi mill-ilma li jaqa' fuq il-bjut ta' terzi.

Illi anke dan il-lament tal-konvenut, ma jistax jigi accettat billi din il-Qorti la sostanzjalment taqbel mal-kummenti li ghamel l-attur fit-tielet parti tan-nota t'osservazzjonijiet tieghu u li jinsabu a fol. 157 u 158 tal-process.

Ikkunsidrat :-

Illi din il-Qorti lanqas ma taqbel mal-konvenut li l-incident in kwistjoni gara minhabba "act of God". Irrizulta li l-incident gara minhabba maltempata pjuttost qawwija, pero' dawn it-tipi ta'

maltempati sikwit jirrikorru f'Malta f'dawk iz-zminijiet tas-sena (kif tirrapporta l-gazzetta esebita) u meta wiehed jahsbilhom minn qabel kif suppost taghmel persuna b'sens ta' responsabbilita', hafna hsara tigi evitata.

F'dan il-kaz jidher li l-konvenut ha l-passi necessarji biex l-incident ma jirrepetix ruhu WARA li gara l-incident u ghalhekk wiehed ma jistax jinvoka d-difiza tal-"act of God".

Illi fil-fehma tal-Qorti l-attur issostanzja adegwatament it-talbiet tieghu u ghalhekk hemm lok li dawn jintlaqghu u li invece jigu skartati l-eccezzjonijiet tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi :

Tilqa' t-talbiet tal-attur nomine kif dedotti – bl-ispejjez ghall-konvenut nomine."

## L-AGGRAVJU PROCEDURALI

Il-konvenut Joseph Camilleri nomine appella minn din is-sentenza u fir-rikors tal-appell tieghu ssoleva ilment procedurali fis-sens illi s-sentenza appellata kienet nulla ghaliex l-ewwel Qorti ma setghet qatt tikkoregi l-okkju tal-kawza fis-sentenza billi wara l-kliem "Joseph A. Grima" izzid il-kliem "bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Oilfield Services International Limited". Dan 'il ghaliex snin wara il-prezentata tal-kawza u cioe' ghall-ahhar tal-1988, is-socjeta' attrici rrejalizzat illi l-assigurat taghha ma kienx Joseph Grima imma s-socjeta' Oilfield Services International Limited u permezz ta' ittra datata 23 ta' Dicembru 1988, il-konsulent legali taghha talab lill-konsulent legali tas-socjeta' konvenuta appellanti sabiex jaghti l-kunsens tieghu li ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawza billi ffirma l-kopja tal-istess ittra u rritornaha lill-konsulent legali tal-istess socjeta' attrici. Fil-fatt il-

konsulent legali tas-socjeta' konvenuta appellanti ffirma u rritorna l-istess ittra. Jidher pero' illi s-socjeta' attrici prezentat rikors fejn talbet id-debita korrezzjoni izda dan ir-rikors intilef u baqa' ma giex degretat u d-debita korrezzjoni baqghet ma saritx ghalkemm kopja tar-rikors giet ezebita mill-Avukat Dottor J. Schembri ghas-socjeta' attrici fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 1992 quddiem il-Perit Tekniku.

Is-socjeta' konvenuta appellanti baqghet ghalhekk tinsisti illi t-talbiet tas-socjeta' attrici ma setghu qatt jigu milqugha sakemm posizzjoni ma tigix regolarizzata bid-debita korrezzjoni u notifika tal-atti kif korretti u dan ghaliex il-persuna li giet surrogata lis-socjeta' attrici ma kienitx Joseph A. Grima kif jidher fic-citazzjoni imma s-socjeta' Oilfield Services International Limited. L-appellant nomine jissottometti fl-aggravju tieghu illi l-ewwel Qorti bl-aktar mod irregolari, minn rajha, ikkorregiet l-atti fis-sentenza finali biex b'hekk, l-atti kif korretti, lanqas biss gew notifikati lis-socjeta' konvenuta appellanti u ghaddiet allura biex tippronunzja s-sentenza fil-mertu. Kif inghad, kull ma kien hemm fl-atti kien dokument ezebit mill-avukat tas-socjeta' attrici li hu kopja tar-rikors ghall-korrezzjoni tal-okkju allegatament mitluf imma imkien mill-process ma jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta kienet accettatu bhala l-att li kellu jissostitwixxi r-rikors originali li kien intilef. L-appellant nomine jissottometti allura illi l-atti kif korretti kellhom jigu notifikati lis-socjeta' konvenuta qabel il-kawza titkompla u mhux tigi ordnata l-korrezzjoni u tinghata s-sentenza fl-istess nifs.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

Dan il-punt preliminari gie trattat quddiem din il-Qorti li ddegretat li kellu jigi l-ewwel deciz qabel jigi investit il-mertu. Jibda biex jinghad illi kuntrarjament ghal dak li jissottometti l-appellant nomine, m'hemm xejn irregolari fil-fatt illi Qorti li tingieb a konjizzjoni taghha irregolarita' li procedurali fl-atti processwali, tiehu dawk il-passi necessarji – anke permezz ta' decizjoni f'gudikat taghha – biex tordna l-korrezzjoni mehtiega sabiex l-atti jigu mqeghda in regola. Dana multo magis f'cirkustanzi bhal dawk taht ezami fejn irrizulta adegwatament pruvat illi l-kontendenti kienu sostanzjalment qablu li tali korrezzjoni kellha ssir kif infatti gie mill-istess socjeta' appellata dikjarat fir-rikors taghha tad-9 ta' Marzu 1989 li safa' mitluf. F'dak ir-rikors li kopja tieghu giet ezebita, l-istess attur wara li talab li ssir il-korrezzjoni debita biex tigi assigurata l-presenza fl-atti tas-socjeta' Oilfield Services International Limited, iddikjara "li l-konvenut mhux qed jopponi u ghal dan il-fini l-avukat tieghu qed jiffirma konguntament dan ir-rikors". Mhux stabbilit illi l-avukat tal-konvenut nomine hekk ghamel pero' hu minnu ammess illi kien iffirma u rritorna ittra li baghtlu l-konsulent legali tas-socjeta' attrici biex jissinifika l-kunsens tieghu li ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju biex l-istess Joe Grima jkun jidher li qieghed fil-kawza in rapprezentanza tas-socjeta' "Oilfield Services International Limited".

Din l-ammissjoni tas-socjeta' appellanti fil-fehma ta' din il-Qorti tissigilla kull dubbju li seta' kien hemm dwar il-konsapevolezza tieghu illi kienet mehtiega l-korrezzjoni li attwalment kienet giet iddegretata fis-sentenza appellata imma wkoll illi l-istess Joseph Camilleri nomine kien sa mill-bidu nett tal-kawza insista li hu ma kellux relazzjonijiet gjuridici ma' Joseph A. Grima personalment waqt li fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza ittrapela li tali relazzjonijiet is-socjeta' konvenuta kellha mas-socjeta' Oilfield Services International Limited. Dan l-istess appellant nomine ikompli jirribadih fin-nota tieghu tal-14 ta' April 1994 quddiem l-ewwel Qorti li biha kkritika r-rapport peritali fejn iddikjara li "jirrizulta bl-aktar mod car illi l-persuna li sofriet id-danni ma kienitx Joseph Grima imma s-socjeta' Oilfield Services International Limited. Dan irrizulta mhux biss mix-xhieda tal-istess Joseph Grima u minn dak li qal l-esponent imma wkoll mid-dokument u cioe' s-"subrogation form" ezebit mis-socjeta' attrici stess, dokument BN …….. Irrizulta mill-kuntratt ta' lokazzjoni ezebit mill-esponenti illi Oilfield International Services Limited kriet fil-fond de quo f'Settembru 1980 ……..".

Anke minn dan jirrizulta provat illi din is-socjeta' appellanti kienet taf illi d-danni pretizi li ghalihom tallega li ghamlet tajjeb is-socjeta' assikuratrici attrici kienet sofriethom is-socjeta' Oilfield Services International Limited kif ukoll illi – u dan hu importanti – li s-socjeta' appellanti kienet taccetta l-fatt illi din is-socjeta' kienet assigurata mas-socjeta' assiguratrici attrici u li bhala konsegwenza tal-polza tal-

assikurazzjoni kienet tirrizulta s-surroga legali u kuntrattwali li in forza taghha s-socjeta' attrici hallset u ghamlet tajjeb ghal dawn id-danni favur dik is-socjeta' Oilfield Services International Limited u konsegwentement kienet, bis-surroga konsegwenzjali ghall-pagament, intitolata tagixxi f'din l-istanza.

Il-konoxxenza ta' dan kollu lill-konvenut nomine a tempo debito jelimina kull pregudizzju li seta' isofri bhala rizultat tal-korrezzjoni awtorizzata fis-sentenza appellata. Korrezzjoni ghal kollox formali u, kif jirrizulta, mitluba bil-kunsens u l-awtorizazzjoni tal-istess konvenut nomine li fl-ahhar mill-ahhar xejn ma kellu ghalfejn ivarja l-linja difenzjonali tieghu bhala rizultat tad-dikjarazzjoni fl-okkju tal-kawza illi s-socjeta' attrici kienet qed tagixxi kif surrogata fil-jeddijiet tal-Oilfield Services International Limited. Dan proprju ghaliex l-eccezzjonijiet miftuha ghas-socjeta' konvenuta necessarjament kellhom ikunu l-istess sew jekk is-socjeta' assiguratrici attrici ghamlet tajjeb ghad-danni lill-assikurat taghha Joseph A. Grima, sew jekk ghamlet tajjeb ghall-istess danni favur is-socjeta' rapprezentata mill-istess Grima. Fl-ahhar mill-ahhar, id-danni baqghu dejjem l-istess, kif baqghu l-istess fil-kawzi li pprovokawhom. Fic-cirkustanzi allura kien ikun ghal kollox superfluwu ghall-ewwel Qorti illi tordna n-notifika mill-gdid tal-atti kif korretti lis-socjeta' konvenuta. Procedura inutili li assolutament ma kienx hemm bzonnha u li kienet timporta biss hela ta' zmien u spejjez zejda. Dan multo magis meta l-Qorti tqis illi z-zieda fl-okkju tal-kawza illi l-istess

Joseph A. Grima kien qieghed jidher bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Oilfield Services International Limited, ma kienet bl-ebda mod taffettwa l-persuna li kienet qed tagixxi. Din kienet mill-ewwel u baqghet biss l-Arva Insurance Agency in rapprezentanza tas-socjeta’ estera Norwich Union Fire Insurance Society Limited. Din biss kienet is-socjeta’ attrici. Fil-verita’ l-indikazzjoni tar-raguni ghaliex kienet qed tagixxi u cioe’ in kwantu kienet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha kien aktar mertu tal-premessi fl-att tac-citazzjoni in kwantu mehtieg biex jispecifika x’tip ta’ danni kienet ghamlet tajjeb ghalihom is-socjeta’ assikuratrici attrici billi rekwizit procedurali li tali motivazzjoni tigi registrata fl-okkju tal-kawza. Il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, infatti, bl-ebda mod ma taffettwa s-sostanza tal-azzjoni imma biss tispecifika punt importanti ta’ fatt li kellu jigi provat mill-attur nomine. Mhux biss biex jillegittima l-azzjoni proposta mis-socjeta’ assikuratrici attrici imma wkoll biex jigu precizati liema danni jekk l-istess attrici ghamlet tajjeb ghalihom u li tallega li gew kagunati lill-assikurat taghha mis-socjeta’ konvenuta. F’dan kollu jidher illi kien sewwa a konoxxenza tas-socjeta’ konvenuta appellanti tant li d-difiza taghha kienet tinvesti wkoll dawn il-fatti.

Ghal dawn il-motivi u ghall-motivi dedotti mis-sentenza appellata, dan l-aggravju procedurali qed jigi respint u l-kawza differita ghall-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni fil-mertu. L-ispejjez ser jigu riservati ghall-gudizzju finali.

Dep/Reg

mg